**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR ELAINE MERCIECA LL.D**

**PULIZIJA**

**(Spettur Alfredo Mangion)**

**kontra**

**Andrea Mulligan**

Kaz Nru.: 172/2021

**Illum, 25 ta' April 2022**

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, **Andrea Mulligan,** ta' 23 sena, iben Daniel u Karen nee' Mallia, imwieled il-Pieta' nhar is-6 ta' Novembru 1998, residenti gewa 68, Raymark, Fl. 1, Triq Santa Margerita, San Gwann u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 411498(M), akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-30 t'Ottubru 2021 u/jew fil-jiem u l-gimghat ta' qabel:

1. Importa jew gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tigi importata medicina perikoluza (Cannabis Grass) f'Malta, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u specifikata (MDMA) meta ma kienx awtorizzat kif imiss, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;
4. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u specifikata (Ketamine) meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.

Semgħet ix-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta) u tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w il-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali,

Rat li l-imputat irregistra ammissjoni, liema ammissjoni huwa tenna wara li nghata bizzejjed zmien sabiex jirrikunsidra l-istess;

Rat id-dikjarazzjoni maghmula mill-ufficjal prosekutur fl-udjenza tal-14 ta' Marzu 2022, fejn iddikjara li, b'referenza ghall-ewwel imputazzjoni, mill-investigazzjonijiet jirrizulta li d-droga kienet intiza ghall uzu personali tal-imputat;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet fir-rigward tal-piena;

**Ikkunsidrat**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat dina l-Qorti hija tal-fehma li l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu mill-prosekuzzjoni gew pruvati skond il-ligi.

Illi fir-rigward tal-piena, dina l-Qorti, hadet in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi u n-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat, il-fatt li l-imputat rregistra ammissjoni bikrija, in-natura u l-ammont ta' droga mertu tal-kaz odjern, il-fedina penali netta tal-imputat kif ukoll id-dikjarazzjoni maghmula mill-ufficjal prosekutur li l-imsemmija sustanza illecita kienet intiza ghall-uzu personali.

**Decide**

Ghaldaqstant, dina l-Qorti, wara li rat l-artikoli artikoli 7, 8(d), 15A, 22( 1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikoli 40A, 120A (1)(a), 120A(2)(b)(ii) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolament 5 tal-Avviz Legali 22 tas-sena 1985, fuq ammissjoni, qeghda issib lill-qua imputat Andrea Mulligan hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u konsegwentament qeghda tikkundanah ghall-hlas ta' multa ta' sitt mitt Ewro (Eur. 600) li b'applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kodici Kriminali tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Ewro (Eur. 100) fix-xahar. F'kaz li l-hlas ikun ha jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien xahar millum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jekk dan ma jithallasx jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Finalment, il-Qorti qeghda tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar r-reat u tordna ukoll d-distruzzjoni tad-droga, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.